

*Artiklu*

Mario Fenech

# Żewġ Kwadri ta' Marja Addolorata tal-artist Ġanni Vella



L-ewwel kwadru li għażilt għal dan l-artiklu f'dan il-programm huwa dak li jinstab fil- Knisja Parrokjali tal- Għasri f'Għawdex iddedikata lill- Ġisem u d-Demm Imqaddes ta' Ġesu Kristu. Il- Kwadru huwa xogħol tal-artist Ġanni Vella li għex bejn l-1885 u l- 1977. Artist li fil- knejjes tagħna għandna bosta xogħolijiet sbieħ li ħargu minn taħt idejh. Dan il- kwadru huwa l-uniku xogħol li għamel għal din il-knisja u lestieh fis-sena 1944. Fil-kwadru li huwa ta' daqs żgħir, huwa jippreżenta lil Madonna b' ħarsa ta' dieqa fuq wiċċha b' idejja ma xulxin qegħda tħaddan magħha il-kuruna tax-Xewk ta' binha Ġesu.



L-artist dawwar din ix-xbieha tal- Madonna b' dija sabiħa li tidher ġejja mill-parti ta' fuq tax- xena. Kwadru li permezz tiegħu l-artist hawnhekk kien fl- aqwa żmien tal- karriera tiegħu. għamel użu sew mit-tila li kellu għad-disposizzjoni tiegħu.



Kwadru ieħor ta' dan l-artist li fih naraw ukoll ix- xbieha ta' Marija Addolorata huwa dak li jinstab fil- Knisja Parokkjali ta' Wied il-Għajn iddedikata lil Sant Anna. Dan il- kwadru huwa ukoll l' uniku wieħed li għamel għal din il- knisja, għalkemm hemm min isostni li l' kwadru tal- kappilan Lazzaro Balzan li hemm fis- sagristija tal-Knisja huwa ukoll xogħol tiegħu.

Il- kwadru huwa ta' daqs medju fejn naraw ix xbieha ta' Marija Addolorata bilwieqfa ħdejn il-ġebla l-kbira tal-għata tal-qabar ta' binha Ġesu. B'idejja ma xulxin b'rasha baxxuta l'isfel qegħda tħares lejn il- kuruna tax- xewk li tissimbolizza il- passjoni li għadda minnha Sidna Ġesu Kristu mqegħda fuq liżar abjad.

Fil-bogħod fuq l-għolja jidher salib imdawwar bi sħab kemmxejn sewdien.

Għalkemm f'dan il kwadru il- libsa tal-Madonna hija ta kulur ikħal bhal fil- kwadru l-ieħor tal-Għasri, il- velu jidher imdawwar mal- wiċċ tal-Madonna huwa abjad.

Identiku huwa l-kulur li l- Artist Ġanni Vella għamel uzu minnu biex jagħti xeħta ta' Qdusija madwar din il-Mara bit-titlu Sultana tal-Martri.